# GRAZZI MULEJ!

Għall-grazzja t'Alla, issa mill-ġdid għandna l-possibbiltà li jsir quddies bil-preżenza fiżika tal-membri tal-komunità parrokkjali. Se nibdew bil-quddies minn dan is-Sibt, 13 ta' Ġunju. Wara li rajna r-riżorsi umani li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, id-direttivi tad-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Knisja, u l-ħtiġijiet attwali, il-quddies se jkun kif qed niktbulkom hawn:

a. Il-quddies fil-Bażilika jkun fin-nofs, fuq l-artal maġġur, biex jitħarsu l-eżigenzi tas-social distancing u sabiex dak li jkun jipparteċipa aħjar.
b. Se jkun hemm postijiet immarkati fejn joqogħdu l-individwi u fejn joqogħdu gruppi mill-istess familja.
ċ. Biex titqarbnu toqogħdu f'postkom, bilwieqfa u jiġi s-saċerdot jew il-ministru tal-Ewkaristija jqarben fil-bankijiet.
d. Biex indaħħlu iktar nies għall-quddies, filwaqt li nħarsu r-regolamenti tas-saħħa, nitolbu lill-membri mill-istess familja biex jiġu flimkien għall-quddiesa. B'hekk ikunu jistgħu joqogħdu sa 6 persuni mill-istess familja qrib ta' xulxin.
e. Nitolbukom tgħinu fl-organizzazzjoni u tidħlu mill-bieb il-kbir u toħorġu wara l-quddiesa mill-ġnub; użaw is-sanitizer u jekk ma jkunx baqa' wisa' ħudu paċenzja u oqogħdu fil-portiku jew fuq iz-zuntier, dejjem bid-distanzi mħarsin.

***L-Arċipriet***

## IL-FJURI TA' QUDDIEM SAN PIETRU U SAN PAWL



Dawk li jixtiequ jagħmlu offerta għall-fjuri ta' quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl, fil-jiem tal-festa, jistgħu jitfgħu l-offerta tagħhom fil-kaxxa tal-ittri ta' Mons. Salv Pace. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom u n-numru tat-telefown fuq karta u impustawhom mal-offerta. Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna tagħkom.

## Il-ħinijiet tal-quddies se jkunu hekk:

**Mit-Tnejn sas-Sibt filgħodu:** 5.30am, 6.15am, 7.00am, 7.45am, 9.00am, 5.30pm u 7.15pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 6.00pm u 7.30pm

(Bħalissa, il-quddiesa tas-7.30pm **se ssir barra**, ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali. Bħalissa, is-Sibt filgħaxija wkoll, fis-6.30pm se jkun hemm quddiesa fil-bitħa tal-Mużew Marittimu).

**Il-Ħadd:** 5.30am, 6,30am, 7.30am (Kappella Santa Tereża), 8.30am, 9.45am, 11.00am 5.00pm u 7.00pm

*Jistgħu jitbiddlu xi affarijiet jekk jitbiddlu ċ-ċirkustanzi.*

## L-EWWEL TQARBINA

Saret laqgħa tal-kumitat tal-katekeżi u hemm il-ħsieb li f'Awwissu ssir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal li huma fil-year 3 u li attendew għall-katekiżmu sa Marzu li għadda. Se jinqasmu f'żewġ gruppi: is-subien jagħmluha fit-2 t'Awwissu u l-bniet fid-9 t'Awwissu. Il-ħsieb huwa li l-funzjoni tkun fil-knisja fl-10.00am. Jekk minħabba ċirkustanzi sanitarji nkunu mġegħlin nagħmlu l-funzjoni fil-beraħ, allura jintgħażel ħin ieħor.

## GRAZZI SPEĊJALI

Din il-ġimgħa li għaddiet kien hemm persuna li tat biċċa mill-ewwel pensjoni li rċeviet lill-Knisja. Is-somma kienet ta' €500. Dan il-ġest sabiħ għandu sinifikat doppju. Din il-persuna għenet lill-parroċċa f'mument li tassew għandha bżonn u l-għotja lill-Knisja kienet il-mod tagħha biex trodd ħajr lil Alla li jipprovdi kollox. Nirringrazzjaw lil persuna oħra li tat €135 għall-bżonnijiet tal-knisja.